MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 80/2023-8

It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina
Is-Sur Baskal Saliba

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

80.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji;**

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech kienet assenti b'apoloġija.

80.2 **Triq ta' Ċenċ**

Is-Sindku nfurmat lil membri li din il-laqgħa ġiet imsejħa minħabba l-one way temporanja li saret f'dawn l-aħħar xhur fi Triq Ta' Ċenċ. Proponiet sabiex din it-triq terġa tinfetaħ b'żewġ karreġġjati peress li l-Kunsill irċieva diversi lmenti minħabba l-għeluq ta' karreġġjata waħda.

Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hu kien talab li din it-triq issir b'karreġġjata waħda peress li kien waqa' l-ħajt u saru xi nċidenti fiha. Sostna li kien hemm ftehim li din it-triq tibqa' *one way* sakemm jitranġa l-ħajt. Kompla jgħid li jekk jitnaddaf l-ġebel imwaqqa' u jinbena' l-ħajt tista' ssir b'żewġ karreġġjati. Propona li x-xogħol ta' bini ta' dan il-ħajt tas-sejjiegħ jsir mis-Sur J. Zammit.

Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu jaqbel li din it-triq issir b'żewġ karreġġjati u jitnaddaf l-ġebel. Is-Sindku fakkret lil membri li l-Kuntrattur li kien tqabbad biex inaddaf il-ġebel ma kinx aċċetta peress li beża' mill-perikolu li x'ħin jitneħħa l-ġebel tista' ċċedi t-triq u qalet jekk il-kuntrattur J. Zammit lest li jidħol għal dan ix-xogħol ma ssibx oġġezzjoni li jinbena. Fakkret ukoll sabiex il-Kunsill joqgħod attent għal ispiża. Il-Kunsill Cordina qal li hemm bżonn titneħħa t-tabella tal-*one way* mill-aktar fis possibli, jitneħħa l-ġebel li hemm fit-triq u jingħata ċans li dan il-bini ta' ħajt jitranġa mill-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li hu ma jagħmilx użu minn din it-triq u staqsa fejn hu r-rapport li sar mill-Perit tal-Ministeru. Is-Sindku nfurmatu li l-Ministeru qed jistennew lil Kuntrattur jagħti data meta ser jagħmel il-*coring*. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona sabiex tingabar kwotazzjoni xi spiża hemm biex jinbena' l-ħajt. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li peress li din it-triq qedgħa *one way* qed ikun hemm influss ta' traffiku fejn il-Każin tal-Banda.

Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa fil-4.30 ta' filgħaxija sabiex iċemplu lil kuntratturi J. Zammit u R. Axiaq.

Il-laqgħa reġet tkompliet fil-4.32 ta' filgħaxija.

Il-membri għandhom jiltaqgħu maż-żewġ kuntratturi fuq il-post malli titlesta din il-laqgħa. Kien hemm qbil mill-maġġoranza preżenti li malli jitnaddaf il-ġebel li waqa' fit-triq, it-tabella titneħħa immedjatament.

Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hu tal-fehma li titneħħa t-tabella wara li jinbena l-ħajt.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.35 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv